**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 40/97Gozo

Anthony u Mary Dolores konjugi Zammit u b' digriet tal-11 ta' Mejju 2000 tnehhiet mill-kawza Mary Dolores Zammit

vs

Direttur responsabbli mid-Drenagg u l-Ministru responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, u b' digriet tal-11 ta' Novembru 1998 gew kjamati fir-rikors l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru tas-Sigurta` Socjali u d-Direttur tax-Xoghol u b' digriet tad-29 ta' Dicembru 1998 gie kjamat fir-rikors ic-Chairman tal-Public Service Commission u b' digriet tal-11 ta' Mejju 2000 tnehha l-Prim Ministru mill-kawza u l-Ministru tax-

Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u minnfloku dahlu Ministru ghall-Ambjent u d-Direttur tal-Izvilupp u Progetti fil-Ministeru ta' Ghawdex

Illum 31 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi hu kien wiehed minn sittax (16)-il persuna li dahlu jahdmu bhala labourers Group A - Dok "A".

Illi wara li kien ilhom madwar tmintax (18)-il xahar f'din is-sezzjoni hargu l-applikazzjonijiet ghal drainage workers Group "C" u gew maghzula tnax (12) minnhom.

Illi r-rikorrent hu wiehed minn dawk illi ma gewx maghzula.

Illi wara xi zmien iddahhlu nies minn barra mas-Sezzjoni tad-drenagg minghajr esperjenza ta' xejn fil-grad ta' drainage workers Group "C" filwaqt illi r-rikorrent baqa' fi Group A.

Illi wara xi erba (4) snin ohra, ir-rikorrent tela' fi Group "B" fi skala dsatax (19) jigifieri (General Hand).

Illi ghalhekk ir-rikorrent sofra ingustizzja lampanti meta ddahlu jahdmu minn barra haddiema b'detriment ghalih u ghal familjari tieghu u fil-fatt huwa u l-familja tieghu sofrew finanzjarjament kemm f'allowances, kif ukoll fil-paga ta' kull xahar u ghadhom ibatu sal-lum, ghaliex sal-lum huwa ghadu fi skala dsatax (19) meta haddiehor li ddahhal jahdem bla esperjenza ta' xejn qieghed fi Group "C".

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u li jinghataw rimedji bil-ligi billi jigi r-rikorrent Anthony Zammit ordnat illi jigi promoss ghal grad li jimmerita lilu fis-servizz u cioe` group "C". Kif ukoll billi jinghata d-differenza f'allowances u pagi li tilef sa llum. Jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont kif jiddeciedi dan it-Tribunal. Bl-ispejjez kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni li eccepew:

Illi r-rikorrent gie impjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mill-1 ta' Jannar 1992. Sussegwentement hu gie assimilat fil-grad ta' General Hand b'effett mill-1 ta' Jannar 1994, fid-dawl tar-riforma fis-settur pubbliku.

Illi d-Dipartiment intimat ma kellu ebda involviment f'din is-sejha partikolari u abbazi ma huwiex il-legittimu kontradittur.

Illi s-sejha riferut mir-rikorrent kienet dik b'numru OPM/Circ 24/90 datata 7 ta' Marzu 1990 u kienet tistipula f'paragrafu 10 li kull min kien interessat li japplika kellu jaghmel dan gewwa l-Labour Office il-Belt.

Illi kull min japplika kellu jinghata acknowledgement mill-istess Dipartiment.

Illi r-rikorrent ma ssodisfax il-kriterji pristabbiliti mill-Bord u ghalhekk ma giex ikkunsidrat ghall-promozzjoni.

Illi l-Bord ta' l-ghazla ma kienx kompost minn impjegat tad-Dipartiment intimat u ghaldaqstant id-Dipartiment tax-Xogholijiet ma hax parti attiva fl-intervisti msemmija.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta tal-kjamati in kawza l-Prim Ministru, il-Ministru tas-Sigurta` Socjali u d-Direttur tax-Xoghol li eccepew:

Illi hadd mill-imsemmija kjamati fil-kawza ma huwa l-legittimu kontradittur ghar-rikors billi s-sejha ghall-applikazzjonijiet li minnha qed jilmenta r-rikorrent kienet sejha li nharget mill-Kummissjoni dwar is-

Servizz Pubbliku u mhux minn xi hadd minnhom (vide Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Frar 1990 li kopja taghha ilha esebita fil-process sa mis-17 ta' Frar 1998 meta saret ir-risposta taz-zewg intimati originali).

Illi di piu`, t-talba li issa qed tigi rivolta kontra l-kjamati fil-kawza hija fuori termine fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997 billi l-ilmenti kellhom jitressqu fi zmien sitt xhur.

Illi t-talba tar-rikorrent hija karenti minn fondament guridiku anke "prima facie" stante li r-rikorrent lanqas biss qieghed jallega li saret xi illegalita` fil-process ta' ghazla maghmul mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku in segwitu ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet in kwistjoni izda qieghed biss jilmenta li ma ntghazilx abbazi ta' pretensjoni fis-sens illi huwa kellu bilfors jintghazel ghall-post ta' Drainage Worker Group C, billi huwa kien ilu 18-il xahar jahdem fid-Dipartiment tad-Dranagg bhala Labourer Group A.

Illi certament la darba s-sejha ghall-applikazzjonijiet kienet miftuha ghal 'persuni impjegati irregolarment u persuni li kienu qed jirregistraw ghall-impjieg taht l-Ewwel parti tar-Registru fit-30 ta' Settembru 1989 (vide Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Frar 1990 u c-cirkolari OPM24/90 esibiti fil-process) kien car mill-bidu nett illi l-konkors ghall-impjieg kien miftuh ghal dawn il-persuni kollha u mhux ghal min kien impjegat fid-Dipartiment tad-Drenagg biss.

Di piu` huwa manifest illi l-esperjenza, u specjalment l-esperjenza minima mhux necessarjament tekwivali ghall-kompetenza biex wiehed iwettaq xoghol b'responsabbilitajiet u fi grad oghola.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent is-Sur Anthony Zammit qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-promozzjoni ghall-Group "C". Il-Kummissjoni qed tirrileva dan ghal fini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi, minghajr pregudizzju jinghad li fis-7 ta' Marzu 1990 kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' ghadd ta' postijiet fil-Gruppi Industrijali "B" u "C" (Cirkulari ta' l-OPM Nru 24/90). Dawn il-postijiet kienu fil-grad ta' Hospital Auxiliary, Health Attendant u Drainage Worker. Ir-rikorrent applika ghal Drainage Worker.

4. Illi mir-rapport tal-Bord tal-Ghazla jidher li r-rikorrent gie fil-179 post minn fost 972 kandidat. Hu gab total ta' 170 marka minn massimu ta' 200 marka. Billi kien hemm 125 post vakant il-Kummissjoni rrakkomandat fit-8 ta' Frar 1991 li dawn il-vakanzi jimtlew minn dawk li gew fl-ewwel 125 post skond l-ordni tal-mertu. Il-Prim Ministru iffirma r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fil-11 ta' Frar 1991.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors u semma li l-ewwel kien dahal jahdem mad-Dejma u mbaghad wara mal-Awziljarji jahdem fis-sezzjoni tad-drenagg. Xi zmien kienet saret sejha biex xi drainage workers jitilghu ghall-group C u minn fejn kien jahdem hu applikaw sittax u minnhom gew mghazula tnax fi Frar tal-1991. Wara li dahlu dawn it-tnax, iddahhlu xi nies ohra minn dipartimenti ohra u mill-ewwel fi group C, jaghmlu xoghol ta' drainage workers waqt li hu baqa' fi group A, jaghmel l-istess xoghol. Ikkonfwera li hu kien jithallas mill-Awziljarji u mhux mill-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici. Semma li kien ghamel interview.

Semma li waqt l-interview kienu staqsewh kemm kien ilu jahdem fid-drainage, kif ukoll jekk ikunx lest li jinzel jahdem f'certu fond u hu qalilhom li kien diga` jaghmel hekk u li kien lest li jaghmel dak kollu li jkun hemm bzonn. Sostna li whud minn dawk li saru drainage workers, la kellhom skola u anqas qatt ma kien ghamlu xoghol ta' drainage workers.

Xehdet Maria Dolores Zammit mart ir-rikorrent. Ikkonfermat li meta zewgha kien ilu xi sena u nofs jahdem mad-dipartiment kienet harget sejha ghal applikazzjonijiet ghal drainage workers fi group C. F'dak iz-zmien hu kien labourer. Semmiet li xi nies minn barra d-dipartiment lahqu wkoll u li r-rikorrent illum ghadu General Hand.

Paul Scicluna Ufficjal Ezekuttiv fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici xehed li wara sejha ghal Drainage Workers Circular 24/90 kienu lahqu sebgha u tletin persuna bhala drainage workers gewwa Ghawdex. Dwar il-marki li nghataw lill-applikanti f'dan il-kaz partikolari d-Dipartiment tax-Xogholijiet ma pprezentax dokumenti li juru l-marki li gabu l-applikanti, ghaliex din is-sejha ma kenitx limitata biss ghal nies li kienu diga jahdmu fid-Dipartiment tax-Xogholijiet izda kienet mifuha wkoll ghal nies li kienu jirregistraw, nies ohra li kienu jahdmu regolari mal-Gvern kif ukoll dawk li kienu fid-Dejma u fl-Awziljari. Jigifieri kellhom dritt li japplikaw nies minn barra d-Dipartiment tax-Xogholijiet, anki dawk li kienu jirregistraw. F'din is-sejha partikolari kien involut id-Dipartiment tax-Xoghol u s-sejha kienet harget mid-Dipartiment tax-Xoghol. L-involviment tad-Dipartiment tax-Xogholijiet kien li dawk li ghaddew u lahqu drainage-workers bdew jahdmu f'dan id-Dipartiment.

Xehed Mario Caruana li semma li l-uniku involviment tad-Dipartiment tax-Xoghol, fl-applikazzjonijiet li saru skond ic-cirkulari 24/90, kien li jilqa' l-applikazzjonijiet. Dan ghaliex is-sejha kienet miftuha ghal min kien qieghed jirregistra ghax-xoghol, kif ukoll ghal nies li qabel kienu impjegati b' mod irregolari.

Doris Sammut li kienet membru ta' bord ta' l-ghazla li ghamel l-interviews ghal- diversi gradi ta' gruppi industrijali xehdet li saru interviews ghal posts ta' drainage workers. Hi kienet qieghedha tidher bhala rapprezentanta tal-Establishments biex tara li l-interviews jimxu skond ic-cirkulari. Semmiet li kull membru kien jaghti l-marka tieghu u tohrog l-average mark there and then. Dawn l-interviews kienu saru taht il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.
Charles Cassar li kien membru tal-bord tal-ghazla li ghamel l-interviews xehed li Ghawdex kienu saru l-interviews ukoll. Mhux hu kien il-persuna teknika izda kien hemm biex jirrapprezenta lid-Dipartiment tax-Xoghol.

Biex jirrapprezenta lid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici kien hemm Carmelo Calleja. Kienu jaghmlu mistoqsijiet dwar l-esperjenza ta' xoghol u kienu jassessjawhom dwar aptitude b' mod generali. B' kollox kien hemm 'l fuq minn erbat elef applikant.

Frederick Azzopardi xehed li kien wiehed mill-membri tal-bord ta' l-ghazla li ezamina applikanti ghall-grad ta' drainage workers u kien hemm bhala rapprezentant tal-Ministeru ghal-Ghawdex. Semma li ma kienx ikollhom il-personal files ta' l-applikanti izda s-service and leave record. Dwar procedura tal-marki kull membru tal-bord waqt l-interview kien jassessja u jifforma opinjoni hu ta' l-applikant u wara li johrog l-applikant kienu jiddiskutu bejniethom u johorgu marka globali.

Mario Vella li kien ic-Chairman tal-Bord tal-Ghazla xehed li ma rawx il-personal files tal-applikanti izda s-schedule of service taghhom. Semma li kull membru kienu jiehu l-ideja tieghu dwar l-applikanti u wara li

johrog l-applikant, jiddiksutu bejniethom u johorgu marka li tkun konsenswali ghall-membri kollha. Ikkonferma li ma kienux taw kaz ta' xi rakkomandazzjonijiet dwar applikanti u li ma kienx hemm fuq il-bord bniedem tekniku izda biss rapprezentant tad-dipartiment li kien skrivan.

**KONKLUZJONIJIET:**

***Notifika Fuori Termine:***

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-Prim Ministru, Ministru tas-Sigurta` Socjali u Direttur tax-Xoghol gie eccepit li l-kjamata taghhom hija fuori termine skond il-Kap. 394 billi l-ilment kellu jitressaq fi zmien sitt xhur u huma gew notifikati wara. Fil-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Tagha l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-

gheluq tas-sitt xhur hidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997…
L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:
"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997."

Issa kien fil-11 ta' Novembru, 1998 li gew kjamati fil-kawza u cioe` ferm wara t-2 ta' Dicembru, 1997. Li kieku l-kjamati in kawza ma issollevawx din l-eccezzjoni t-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina it-talbiet tal-atturi, izda f'dan il-kaz, il-kjamati fil-kawza issollevaw din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess kjamati

gew imsejha tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra l-kjamati fil-kawza fil-11 ta' Novembru, 1998 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija kjamati r-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Jinghad pero' li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tal-kjamati fil-kawza, u mhux fil-kaz ta' l-intimati l-ohra. Ara wkoll s-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et" tat-22 ta' Gunju 2000 li kien kaz identiku. Ghal dawn il-motivi jilqa' it-tieni eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza u jilliberahom.

***Responsabbilta` tal-PSC:***

Fil-kawza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 dan it-Tribunal qal:

"Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva. Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta' l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Sostna li ebda Qorti ma tista' tezamina l-procedura li intuzghat sabiex inghatat tali promozzjoni. Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:

Il-kwistjoni jekk -

(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;

(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita' bis-sahha

tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew

(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,

ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta' l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija "sacra" u certament ma tista' ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta' l-intimat mhux koerenti ma' l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta' l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta' "persuna aggravata". L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal…

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li

titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma nsibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - "Ubi lex voluit, dixit". Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax għall-persuni jew għall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li tagħmel referenza għat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni għall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgħa li jagħmel hatriet għall-karigi ufficjali u li jneħħi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:

"Is-setgħa li jagħmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li għalihom dan l-artikolu jgħodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi iswtitwit kontra kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necesarjament tirrifletti b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba. Il-proceduri jigu istitwiti kontra tiegħu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern għandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap

tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta' Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta' cirkostanzi eccezzjonali li fil-konfront ta' individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja."

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni dwar ir-responsabbilta` tal-PSC.

***Mertu tal-Kaz odjern:***

Illi fir-rikors odjern ir-rikorrent qieghed jilmenta fuq li mill-Awziljari in segwitu tac-cirkolari 24/90 kienu applikaw biex jidhlu Drainage Workers u mis-sittax li kienu gja jahdmu dan ix-xoghol tnax biss saru, u dahlu wkoll xi haddiema minn barra. Izda jinghad li sfortunatament f' dan il-kaz ir-rikorrent ghalkemm ipproduca diversi xhieda ftit li xejn gab provi dwar is-sustanza tal-kaz. Kull ma gab provi huwa li hu kellu tmintax-il xahar esperjenza f' dan ix-xoghol u xorta wahda kien hemm xi nies minn barra li nghataw il-hatra waqt li hu u ohrajn ma nghatawx. Irrizulta li c-cirkolari kienet taghmilha possibbli li nies li kienu f' diversi sezzjonijiet biex japplikaw isiru drainage workers u ma kenitx limitata ghal min qieghed assenjat xoghol fid-dipartiment tax-xogholijiet tant li l-istess cirkolari giet mahruga mid-Dipartiment tax-Xoghol. Lahqu b' kollox 37 bhala Drainage Workers gewwa Ghawdex u 12 biss minnhom kienu jaghmlu precedentement xoghol ta' Drainage Worker. Izda f' ebda stadju ma ngabet prova li saret xi haga irregolari waqt l-interviews, anqas li kien hemm min kien anqas kwalifikat u sar hu hlief biss ghall-aspett li kien hemm xi whud li ghall-ahhar tmintax-il xahar kellhom esperjenza f'

dan il-qasam.  Fil-fehema tat-Tribunal dan ma jwassalx ghal prova rikjesta mill-Kapitolu 394 li saret xi ingustizzja fit-termini tal-ligi. Jinkombi fuq kull min jistitwixxi rikors ta' din in-natura li jipprova li persuna kienet kwalifikata aktar, kellha anzjanita` aktar, kellha esperjenza aktar, kellha personalita` aktar impressjonanti jew kwalitajiet pozittivi ohra li jirrendu l-fatt li saret ingustizzja meta r-rikorrent ma nghatax il-hatra jew promozzjoni.  Fil-kaz in ezami lit-Tribunal ma rrizultawlux dawn l-elementi u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati u kjamati in kawza l-ohra.  Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.